**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/24*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 24 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar il-Ħamis, 29 ta' April 2010 fit-8.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

**I. Talba**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju qal it-talba.

**II. Minuti**

**1. Approvazzjoni**

Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 23. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

**2. Emendi**

Għal dawn il-minuti ma tressqux proposti għal emendi. Għalhekk dawn ġew meħuda bħala korretti kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

**III. Materji mill-Minuti**

**1. Appell fuq Tenders tal-Knis u Bulky Refuse**

L-aħħar seduta fuq l-appell li qed iressaq is-Sur Mario Bugeja, inżammet nhar il-Ħamis 18 ta' Marzu 2010 fis-1.00p.m.
F'din is-seduta kien xehed is-Segretarju tal-Kunsill. Kopja tal-minuti tal-laqgħat kollha qed jinżammu fl-uffiċċju tal-Kunsill. Is-seduta li jmiss għandha tinżamm nhar il-Ħamis 6 ta' Mejju 2010 fis-1.00p.m. fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali l-Belt Valletta.
Għas-seduta li jmiss għandhom jiġu avżati biex jersqu jixhdu s-Sindku Andrew Vella u wkoll il-Viċi Sindku s-Sur Emmanuel Mintoff.
Minn naħa tal-Kunsill se jintalab li jersaq jixhed is-Sur Natalino Attard li hu l-Ex Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**2. Kostruzzjoni tal-Bankini**

Sa issa, l-kuntrattur għadu ma ġiex biex ikompli x-xogħlijiet li qed isiru fi Triq Dun Karm Caruana u fil-Pjazza. Is-Sindku avviċinah diversi drabi biex ilesti x-xogħol kollu. Jidher li l-kuntrattur kellu xi diffikultajiet ma' ħaddiema nvoluti. L-istess kuntrattur assigura lis-Sindku lid an ix-xogħol se jitkompla mill-aktar fis possibbli u wkoll li se titneħħa u terġa ssir mill-ġdid il-bankina kollha ta' quddiem il-Knisja.

**3. Żjara fl-Awstrija**
Fir-rigward taż-żjara li hi ppjanat li ssir f'Lulju għal Ottenschlag, fl-Awstrija, il-Kunsill qed ikompli jagħmel il-preparamenti kollha minn kmieni. Il-grupp kollu se jkun jikkonsisti f'35 persuna u li dan hu l-massimu li jistgħu jitilgħu nies.
Hu ppjanat li wara l-festa tal-parroċċa tinżamm laqgħa għal dawk kollha li se jiġu. B'hekk ikun tfassal il-programm kollu u jkollna tagħrif biżżejjek għal din iż-żjara.
**4. Kuntrtt tal-Ġbir ta' Skart Separat**
Il-maġġoranza tal-Kunsilli Lokali ta' Għawdex se jiffirmaw il-kuntratt tal-ġbir ta' skart separat mal-Kumpanija Green MT. Din il-kumpanija se tħaddem is-sistema tal-ġbir ta' skart separat fi ħdax il-lokalita b'kollox f'Għawdex. L-iskart separate se jibqa' jinġabar kull nhar ta' Tlieta u jekk jinħass il-bżonn tiżdied ġurnata oħra wkoll.
Il-kumpanija qed toffri kundizzjonijiet tajbin ħafna lill-Kunsilli Lokali u fost dawn insibu li se tingħata borża f'kull dar kull ġimgħa. Fl-istess waqt il-Kunsill se jkun qed jiffranka l-ħlas tar-rimi ta' skart u mbagħad il-kumpanija se tħallas lill-Kunsill għal kull ammont ta' skart separat li jinġabar li jfisser garanzija ta' €30 fil-ġimgħa lil kull Kunsill.
Fid-diskussjonijiet li kienu nbdew mal-Kunsilli Lokali ġirien, is-Sindku s-Sur Andrew Vella kien saħaq fuq l-importanza li tingħażel ġurnata speċifika fil-ġimgħa fejn jinġabar il-ħġieġ biss. Hu kien enfasizza li peress illi l-ħġieġ hu tqil, allura kien ifisser li niffrankaw ammont sostanzjali mill-ħlas li nagħtu lill-WasteServ għar-rimi ordinarju tad-djar peress li mbagħad ikun qed jitnaqqas il-piż tal-ħġieġ.
**5. Tiswija ta' Toroq**
It-toroq kollha fejn kien intalab li ssir tiswija fuqhom, issa huma lesti kollha.

**IV. Korrispondenza**

i. Il-GRTU qed torganiżża seminar bit-tema "SME's Crafts & Professions" fil-Kempinski Hotel nhar il-Ġimgħa 7 ta' Mejju.

ii. Ċirkulari mill-Ministeru Għal Għawdex fejn qed tkun avżata attivita għall-anzjani nhar il-Ħadd 9 ta' Mejju fis-Santwarju Ta' Pinu.

iii. Avviż dwar laqgħa tal-LES li se tinżamm nhar il-Ħamis 8 ta' April f'nofsinhar fil-Kunsill Lokali tar-Rabat.

iv. Avviż għal seminar mill-ETC għal nhar il-Ġimgħa 9 ta' April fil-Grand Hotel, Mgarr. Dan is-seminar se jittratta fuq l-ingaġġ mal-Kunsilli Lokali, ta' ħaddiema li qed jirreġistraw għax-xogħol.

**V. Mozzjonijiet**
**1. Attivitajiet mill-Kunsill Lokali għall-Festa**
L-attivitajiet li se jittellgħu mill-Kunsill Lokali għall-festa ta' din is-sena se jkunu jikkonsistu filli tinżamm tellieqa taż-żwiemel. Din se tkun il-Ħadd u tibda fit-3.00p.m. Il-preparamenti u kitba tal-bhejjem se tkun qegħda f'idejn is-Sur Salvu Haber li kien wkoll ħa ħsieb l-istess attivita li nżammet qabel f'din il-lokalita. Bħala premijiet se jinħarġu "vouchers" u mbagħad dawn jissarrfu mill-ħanut li jbiegħ affarijiet tal-bhejjem.
Minbarra din l-attivita, l-Kunsill se jtella' attivita oħra li ilha ssir għal diversi snin u li hi "Logħob għal Kull Eta". Din se ssir nhar l-Erbgħa 2 ta' Ġunju 2010 fit-8.00p.m.
Għal din l-okkażjoni se jkunu ordnati t-T Shirts għall-parteċipanti kollha. Kull min jieħu sehem se jingħat "trophy". Fid-djar kollha għandu jitqassam fuljett fejn ikun imfisser il-programm kollu li se jtella' l-Kunsill Lokali għall-festa.
**2. Programm ta' Skola-Sajf 2010**
Il-Kunsill qabel li dan il-programm nerġgħu nagħmluh din is-sena wkoll. Għalhekk se nerġgħu nqabbdu lis-Sur George Mizzi biex jieġu ħsieb il-programm kollu.
Is-Sindku ssuġġerixxa li għal din is-sena, tittella' xi preżentazzjoni bil-Malti.

**VI Materji Oħra**

**1. Parteċipazzjoni fin-Notte Gozitana**

Il-Kunsill kien mistieden jipparteċipa fl-attivitajiet li se jittellgħu għall-okkażjoni tan-Notte Gozitana. Is-Sindku qal li kien hemm il-ħsieb li jitwaqqfu tined apposta għall-Kunsilli Lokali kollha Għawdxin. Dawn se jkunu qegħdin tul il-parti t'isfel ta' Triq ir-Repubblika. Kull Kunsill se jagħmel l-arranġamenti ħalli jesebixxi xi ħaġa fl-istand tiegħu. Is-Sindku qal li hu kkuntattja lil Jackie Roberts li hi artista li taħdem fl-Għasri, biex tieħu ħsieb l-istand tal-Kunsill tagħna. Minn naħa tagħha, hi aċċettat bil-qalb kollha.

**2. Kotba għall-Librerija**

Nhar il-Ħamis 8 ta' April, is-Sindku attenda għal-laqgħa li nżammet biex jingħataw donazzjonijiet ta' kotba lil-libreriji mis-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said.

Din l-għotja kienet tikkonsisti f'voucher ta' €230 u wkoll assigurazzjoni li jekk il-Kunsill jixtri kotba oħra b'dan l-istess ammont, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien lest li jagħti lura l-ammont minfuq.

Fil-fatt, il-Kunsill diġa xtara l-kotba u applika għar-rifużjoni msemmija. Minbarra l-€450 ingħataw b'25% ta' l-ammont minfuq f'kotba mill-Klabb Kotba Maltin.

Il-Kunsill diġa applika biex jingħata r-rifużjoni msemmija.

**3. "*WiFi Access Point*"**

Is-Sindku qal li hu kien ikkuntattja lill-Kappillan u wrieh li kien hemm ix-xewqa mill-awtoritajiet biex fiċ-centru f'kull raħal, jitwaħħal aċċess għall-internet permezz tal-WiFi. B'hekk kull min jixtieq jista faċilment mill-viċin juża l-internet b'xejn mingħajr ma jkun konnettjat direttament. Is-Sindku kien qallu li idealment dan jitwaħħal fiċ-Ċentru Parrokkjali peress li dan hu post li jkun frekwentat l-aktar miż-żgħażagħ. Għal dan is-suġġeriment, il-Kappilla aċċetta. Dan is-servizz se jitwaħħal dalwaqt.

**4. Tindif fil-Wied ta' Triq Wied Sara**

Is-Sur Emmanuel Mintoff ressaq talba quddiem il-Kunsill Lokali biex il-wied li jagħti għal-Wied Sara jitħammel u fejn hemm bżonn, issir it-tiswija permezz tal-konkos.

Is-Sindku qal li peress li hemm xi program ta' tindif ta' widien mill-Ministeru għal Għawdex, l-aħjar li naraw jekk jistax isir mill-istess Ministeru billi dan il-wied jiddaħħal fil-programm ta' tindif tal-widien f'Għawdex.

**VII. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill.

Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis, 27 ta' Mejju 2010 fis-8.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Joe Camilleri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data : ______________